# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Antnick Tanti**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Antnick Tanti**, li għandu l-karta tal-identita bin-numri 177986M li permezz tagħha huwa ġie akkużat talli nhar il-25 ta' Settembru 2014 għall-ħabta tat-15:00 ġewwa s-Siġġiewi -

(1) ikkaġuna lil Amir Fareed biża li ser tintuża vjolenza kontrih permezz ta' sikkina li utilizza waqt argument fi Triq Santa Margerita s-Siġġiewi;

(2) talli kiser il-bon ordni u l-paċi pubbliku b'għajjat u ġlied;

(3) u aktar talli ħebb għal Amir Fareed u kkaġunalu ġrieħi ħfief permezz ta' lasta ta' xkupa

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti ippreżentati;

Semgħet il-provi prodotti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet;

***Ikkunsidrat : -***

Illi l-provi prodotti f'dan ikkonvinċew lil Qorti minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-ewwel imputazzjoni ma tistax tissussisti in kwantu l-parte civile fix-xiehda tiegħu qal li meta ra' lill-imputat bis-sikkina f'idu huwa stiednu biex jekk ried imur itih – kważi kważi fil-mument li qam l-argument bejniethom kien hu li stiednu jersaq lejh ukoll. Min ikun qiegħed jibża' ikun mistenni li jkollu atteġġjament ben divers minn dan.

Illi kwantu għat-tieni imputazzjoni din tirriżulta wkoll li hija milquta mill-preskrizzjoni trimestrali u dan wara li l-Qorti ivverifikat meta l-imputat kien ġie notifikat bil-komparixxi. Għalhekk il-proċediment fir-rigward ta' din it-tieni imputazzjoni sejjer jiġi dikjarat estint.

Illi kwantu għat-tielet imputazzjoni pero jirriżulta mix-xiehda tal-parte civile kif ukoll dik tal-imputat li kien hemm kollutazzjoni bejn il-partijiet u jirriżulta wkoll li l-imputat ta' daqqa ta' lasta ta' xkupa fuq il-persuna tal-parte civile. Issa l-parte civile jtenni li huwa kien sofra daqqa f'ġenbu u li din issarfet fi ħmura fuq il-ġilda tiegħu, nonche li kellu sensazzjoni ta' wġiegħ. Huwa mar ukoll Poliklinika fejn ġab ċertifikat

mediku. Biss dan iċ-ċertifikat ma ġiex eżibit f'dawn l-atti, minkejja li l-parte ċivile tenna li huwa kien għadda dan iċ-ċertifikat lill-Pulizija.

Issa minn dix-xiehda tal-partijiet il-Qorti hija konvinta moralment li l-parte civile verament sofra offiża ta' natura ħafifa minħabba d-daqqa ta' lasta ta' xkupa li fajjarlu l-imputat. Huwa minnu li l-prova taċ-ċertifikat mediku hija nieqsa. Pero din mhix meħtieġa *sine qua non* sabiex il-Qorti tkun tista ssib ħtija.

Jibqa' l-fatt li bl-azzjoni tiegħu l-imputat għamel xi forma ta' ħsara fil-ġisem ta' Amir Fareed u ħsara, skont il-ġurisprudenza patrija tfisser anke s-sempliċi sensazzjoni ta' uġiegħ li tirriżulta minn daqqa anke superfiċjali, mingħajr ma jkun meħtieġ xi forma ta' leżjoni fil-ġisem tas-suġġett passiv.[1]

Għalkemm huwa minnu li ma nġieb ebda tabib li jikkonferma n-natura tal-ġrieħi sofferti minn Farid fil-fehma ta' din il-Qorti id-deċiżjoni jekk kienx hemm offiża u jekk kien hemm offiża x'kienet in-natura tagħha hija kwistjoni ta' fatt li trid tiġi determinata minn min jiġġudika l-fatti u x-xiehda tat-tobba mhix sine qua non għal dan il-għan.[2]

---

[1] Ara "Il-Pulizija vs. Emanuel Zammit" deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-30 ta' Marzu 1998.

[2] Ara "Il-Pulizija vs Generoso Sammut" deċiża nhar it-2 t'Awissu 1999 fejn ingħad li : "Hi żbaljata l-idea, spiss ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiża fuq il-persuna hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depożizzjoni ta' tabib. Tali ċertifikat jew depożizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depożizzjoni ta' xhieda oħra, inklużi l-parti offiża, jibqala' xi dubju reġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew it-tip jew natura ta' dik l-offiża.
Ara wkoll "Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi" deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-30 ta' Lulju 2004 fejn intqal illi : Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-

F'dan il-każ il-Qorti hija soddisfatta li l-offiża ta' natura ħafifa seħħet skont dak mistqarr mill-parte civile kif ukoll minn dak li xehed l-imputat.

# ***Decide***

Li qegħda ssib lill-imputat mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni stante li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-każ tagħha dwarha sal-grad rikjest mill-Liġi kif ukoll tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni stante li l-proċediment dwarha huwa estint minħabba l-preskrizzjoni trimestrali u b'hekk tilliberah minn kull ħtija u piena dwarhom filwaqt li wara li rat l-Artikolu 214 u 221(1) tal-Kodiċi Kriminali issib lill-imputat ħati tat-tielet imputazzjoni u wara li rat ukoll li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ hija tal-fehma li jeżistu l-elementi rikjesti mill-Liġi taħt l-Artikoli 7(2) u 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tenut kont tax-xorta tar-reat u ċ-ċirkostanzi li seħħew fih, il-Qorti tqis li mhux spedjenti li twaħħal piena, iżda li għandhom jiġu applikati d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk qegħda tagħmel ordni li biha tillibera lill-ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor matul il-perjodu ta' xaharejn mid-data tal-lum.

---

kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad - il-magistrat - u issa f'idejn l-imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta imbghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza.

Ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti fissret lil ħati bi kliem ċar u li jinftiehem l-effetti tal-ordni għall-liberazzjoni kondizzjonata fis-sens li jekk jagħmel reat ieħor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-ħati jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Amir Fareed kif ukoll sabiex tipprovdi għas-sigurta u l-ordni pubbliku qegħda turbot lill-ħati taħt obbligazzjoni tiegħu innifsu għal-perjodu ta' sena taħt penali ta' elf euro skont id-digriet li qiegħed jiġi anness ma din is-sentenza u li tifforma parti integrali minnha.

***Mogħtija illum it-13 ta' Novembru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***